MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 1672/1998/1

**Perit John M. Gambina**
**v.**
**Fithome Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Awissu, 1998 l-attur ppremetta illi hu kien lahaq ftehim verbali kummercjali mas-socjeta` konvenuta li huma t-tnejn jidhlu f'"joint venture" li biha jidhlu ghal tenders u jiksbu kuntratti f'isem is-socjeta` konvenuta, bil-

konsulenza tal-attur u li l-profitt nett minn din il-joint venture kellu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti; illi dan il-ftehim baqa' jsehh mill-1985 sal-31 ta' Dicembru 1992 u bhala rizultat tieghu inkisbu kuntratti sostanzjali u sar profitt konsiderevoli, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza; liema profitt gie ukoll ri-investit f'art u materjal taht il-ftehim; illi nonostante li x-xoghlijiet tlestew u s-socjeta` konvenuta thallset taghhom, sal-lum baqa` ma giex likwidat il-profitt nett irregistrat u s-sehem spettanti lill-attur minn dan il-profitt, u dan nonosante laqghat u korrispondenza protratta; illi s-socjeta` konvenuta interpellata anki ufficjalment biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ammonti dovuti lill-attur, kif fuq inghad, baqghet inadempjenti;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti tiddikjara li:

1. l-attur ghandu dritt li jithallas nofs il-profitt nett mill-operazzjoni kummercjali kongunta jew joint venture li kienet tezisti bejn il-parijiet mill-1985 sal-31 ta' Dicembru, 1992;

2. ghaliex dan il-profitt nett minn tali operazzjoni kongunta u s-sehem tal-attur minnha m'ghandhomx jigu likwidati minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti komputisti nominandi;

3. ghaliex is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata li thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala dovuta lilu in linea ta' sehmu mill-profitti netti kif fuq intqal, flimkien ma' l-imghax kummercjali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra tat-18 ta' Marzu, 1997 kontra s-socjeta` konvenuta, li tibqa` minn issa stess ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

B'nota pprezentata fis-26 ta' Novembru, 1998 is-socjeta` konvenuta eccepiet:

1. Preliminarjament illi l-attur irid igib prova konvincenti tal-ezistenza tal-ftehim minnu allegat, billi dan ma jirrizultax minn xi kitba jew korrispondenza, anzi mid-dicitura tac-citazzjoni johrog car illi kull ma ipprovda l-attur kienet konsulenza, illi taghha l-attur gja thallas somom konsiderevoli, u ghalhekk il-prova mitluba hija mill-aktar rilevanti.

2. Illi, bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni kienet x'kienet ir-relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta – jekk kien hemm tali relazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza – it-talbiet attrici huma milqutin bil-preskrizzjoni skont l-artikolu 2156 (f) tal-Kap16, stante illi mis-sena 1985 msemmija fic-citazzjoni, ghaddew iktar minn hames snin.

3. Illi, bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, f'kull kaz, jekk jirrizulta pruvat il-ftehim allegat mill-attur, irid jigi stabbilit x'kien il-kontribut ta' kull wahda mill-partijiet, u jsiru konteggi precizi sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm qligh mill-allegat ftehim, wara li jitnaqqsu l-ispejjez kollha relattivi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-12 ta' Jannar, 2009 bil-mod segwenti:
"*Ghal dawn il-motivi*

"*Il-Qorti tiddeciedi*
"*Billi tiddikjara li l-attur ghandu dritt li jithallas nofs il-profitt nett mill-operazzjoni kummercjali kongunta jew joint venture li kienet tezisti bejn il-parijiet mill-1985 sal-31 ta' Dicembru, 1992;*

"*tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Euro 378,683.80*

"*Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata; bl-imghax kummercjali mid-data tac-citazzjoni.*"

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjoni u konsiderazzjonijiet:

“**Talbiet u eccezzjonijiet**

“Illi dina l-kawza nstemghet flimkien mal-kawzi 276/1998 u 1943/1998 li huma bejn l-istess partijiet u fuq l-istess negozju. Fil-kawza 276/1998 hemm ukoll imdahhla s-socjeta’ Fithome Interiors Limited.

“Il-kawza prezenti tirrigwarda talba ta’ l-attur ghan-nofs il-profitt nett ta’ operazzjoni minn allegat joint venture bejn il-parijiet. Fil-kawza 276/1998 l-attur, Perit Gambina, talab sehemu konsistenti min-nofs bicca art allegatament mixtrija f’Paceville bejn il-kontendenti u fil-kawza 1943/1998 is-socjeta’ Fithome Ltd qeda tippretendi kreditu ghal fornituri maghmulin lill-Perit Gambina.

“F’din l-kawza l-attur qed jitlob li jithallas nofs il-profitt nett mill-operazzjoni kummercjali kongunta jew joint venture li allegatament kienet tezisti bejn il-parijiet mill-1985 sal-31 ta' Dicembru, 1992. Hu qed jippretendi li skont il-konteggi finali minnu maghmula tal-joint venture kien ghad fadal li jinqasam qliegh nett ta’ Lm 489.553.20 u proprejta’ immobbli konsistenti fl-art gewwa Paceville li nxtrat bejniethom ghas-somma ta’ Lm 80,000. Skont l-attur is--sehem li kien fadallu jiehu kien ta’ Lm 244,776.60. Hu diga’ rceva Lm 82,209.50 f’Novembru 1995 ghalhekk ghad fadallu jiehu Lm 162,567.10 jew Euro 378,683.80 u nofs indiviz ta’ l-art f’Paceville.

“Bhala linja principali ta’ difiza s-socjeta konvenuta wiegbet li l-attur l-ewwelnett irid igib prova konvincenti ta’ l-ezistenza tal-ftehim minnu allegat dwar l-imsemmija *joint venture*, billi dan ma jirrizultax minn xi kitba jew korrispondenza, anzi mid-dicitura tac-citazzjoni johrog car illi kull ma ipprovda l-attur kienet konsulenza li taghha diga’ thallas. Bhala linja sussidjarja s-socjeta’ konvenuta tghid li jekk kienet tezisti dina s-shubija, l-profitti kienu ferm anqas minn dawk li qed jippretendi l-attur.

“**Kontestazzjoni**

“Illi fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta li kien inlahaq ftehim verbali kummercjali mas-socjeta` konvenuta li huma t-tnejn jidhlu f'”joint venture” li biha jidhlu ghal tenders u jiksbu kuntratti f'isem is-socjeta` konvenuta, bil-konsulenza ta' l-attur u li l-profit nett minn din il-joint venture kellu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti. Hu jsostni li ngabu provi estensivi in sostenn tal-pretensjoni tieghu kif jidher mill-operat ta' kolloborazzjoni bejnu u s-socjeta konvenuta, l-agir bejnithom u ma' terzi nvoluti fil-qrib fuq il-progett ta' l-airport kif ukoll , gharfien ta' terzi, liema gharfien hu indipendenti u jikkonferma wkoll l-esiztenza tas-shubija fil-kaz tax-xiri ta' l-art f'Paceville .

“Is-socjeta' konvenuta ssostni li l-attur ma gab ebda provi konkreti biex jissufraga t-tezi tieghu dwar l-allegat ftehim u strah biss fuq numru ta' xhieda u l-impressjonijiet taghhom u dokumenti li mkien ma jsemmu xi forma ta' shubija. Skont is-socjeta konvenuta, mix-xhieda kollha prodotti ma hemmx wiehed minnhom li fuqu l-Qorti tista' tistrieh ghall-korroborazzjoni. L-unika persuna li qeda tghid b'mod kategoriku li kienet tezisti shubija huwa biss l-istess attur, imma l-istorja tieghu hija wahda msawwra minnu biex jilhaq l-ghanijiet tieghu. Is-socjeta' konvenuta tammetti li fil-bidu hija kienet lesta li tikkunsidra shubija, pero' bil-kundizzjoni li l-attur jaqsam il-piz u riskju finanzjarju maghhom, u li dan isir permezz ta' kitba. Izda l-attur baqa' lura milli jassumi dawn ir-responsablitajiet, u ma ghamel ebda kitba ghax qal li kien hemm l-irgulija fin-nofs. Skont is-socjeta' konvenuta wiehed kien jistenna li f'progett ta' dik il-portata, li kien jaqbez il-miljun lira, kienet issir xi tip ta' skrittura.

“**Konsiderazzjonijiet**

“Illi fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta li kien lahaq ftehim verbali kummercjali mas-socjeta` konvenuta li huma t-tnejn jidhlu f'”joint venture” li biha jidhlu ghal tenders u jiksbu kuntratti f'isem is-socjeta` konvenuta, bil-konsulenza ta' l-attur u li l-profit nett minn din il-joint venture kellu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.

“L-attur isostni li permezzz tieghu l-konvenuti wettqu b’success tenders kbar bhal dak tal-Airport Terminal il-Gdid u li parti mir-rikavat intuza biex tinxtara art f’ Paceville li taghha l-attur qed jippretendi in-nofs.

“Is-socjeta konvenuta ma taqbilx li kien hemm dina l-allegata shubija u ssostni li l-attur kien biss il-konsulent taghhom fit-tender ta’ l-airport.

“**Joint Venture**

“Il-partijiet jaqblu li ma kien sar xejn bil-miktub dwar l-allegata shubija jew joint-venture izda l-attur isostni li nonsostante dana kien intlahaq ftehim verbali li wara twettaq kif gie pruvat fil-kors ta’ dina l-kawza.

“Il-partijiet jaqblu li kienet saret laqgha bejniethom fejn din is-shubija giet diskussa.

“Fl-affidavit tieghu l-attur ighid x’suppost gara f’din il-laqgha (ara fol 15). Hu jghid:

“Ghaldaqstant jien ghidt lil Alfred Vella li biex nidhol ghal dan it-tender dan ried jinhadem bi shab 50/50 bejni u bejn il-Fithome u li d-doveri tal-Fithome kellhom ikunu finanzi, manifattura u public relations waqt li d-doveri tieghi kienu jkunu l-ksib ta’ l-informazzjoni kollha mehtiega u l-mili tat-tender, u l-amministrazzjoni u l-esekuzzjoni totali tal-appalt. Barra minn hekk jien tlabt li, jekk jittiehed l-appalt, Fithome kellha tiftah kont bankarju gdid ghall-kuntratti u li jien ikolli firma fuq dan il-kont biex ikolli kontroll fuq l-accounts. Alfred Vella informa b’dan lil huh u lil missieru, li kien ic-chairman tal-kumpanija, u dan if-ftehim il-gdid gie accettat. Ghaldaqstant bdejt nahdem fuq it-tender”.

“L-attur spjega li hu ried ikun shab f’dana t-tender billi dan kien se jinvolvi hafna xoghol u d-dedikazzjoni ta’ hin min-naha tieghu kienet se tkun wahda totali u dan kien se jkun l-uniku xoghol tieghu f’dak il-perjodu. Ghalhekk hu ma riedx li jaghmel dak ix-xoghol kollu u ‘mbaghad jispicca b’xejn.

“Min-naha l-ohra Carmel Vella li kien ic-chairman tal-kumpanija Fithome ghalkemm ghal-ewwel xehed li l-attur fuq il-kuntratt ta’ l-airport ma ghamel xejn zied ighid li fuq l-airport kien jaf fit. Izda dwar il-laqgha qal li :

“Naf li bejn il-Perit Gambina u d-diretturi tal-Fithome beda jsir diskors fis-sens li dan il-kuntratt jittiehed bi shab bejn il-Fithome u l-Perit Gambina…. Jiena la kont favur u lanqas kontra din is-shubija mal-Perit Gambina izda tajt parir lid-Diretturi tal-Fithome fis-sens li s-shubija mhux biss fit-tajjeb imma anki fil-ghawg. Mhux bizzejjed illi tiftiehem kif ser taqsam il-gid, imma trid tara jekk ikun hemm it-telf min u kif ser jaghmel tajjeb ghalih. Jien kont insistejt ma uliedhi illi qabel xejn, jekk ser jittiehed il-kuntratt, iridu jidhlu ghaliha t-tnejn flimkien, kemm il-Fithome u kemm il-Perit Gambina.

“Wara li hadna pariri professjonali, sejjahna laqgha. Kienu hemm prezenti iz-zewg uliedi u l-Perit Gambina. Kien hemm ukoll Carmelo Grech. F’din il-laqgha qam id-diskors dwar min u kif (l-attur) ser jaghmel il-garanzija li semmejt. Jien ukoll ressaqt id-diskors li jekk se jkun (hemm) xi forma ta’ ftehim, kien jaghmel l-aktar sens li dan ikun bil-kitba.

“Ir-rizultat ta’ dik il-laqgha kien wiehed fejn ma intlahqet ebda konkluzjoni fuq dawn iz-zewg suggetti. Dwar il-garanzija naf li ma sar ebda ftehim, u dwar il-fatt li l-affarijiet isiru bil-kitba, niftakar car li l-Perit Gambina beda jinsisti illi ma kien hemm bzonn ta’ ebda kitba bejnietna. Jien deherli li l-Perit Gambina ma riedx jikkommetti ruhhu minhabba illi kien dubbjuz jekk il-prezzijiet li tajna fit-tender kienux bizzejjed biex ikun hemm qligh. Il-garanziji saru mill-Fithome biss u l-kapital hargitu Fithome. Is-self mill-Bank dahlet ghalih il-Fithome biss. L-attur qatt ma ffirma xi kitba ta’ shubija mal-Fithome”.

“Joseph Vella, bin Carmelo u wiehed mid-direttur ta’ Fithome, xehed li kien prezenti meta saret din il-laqgha. Il-kwistjoni kienet dwar jekk l-attur kienx ser johrog sehemu fix-xoghol tal-airport. Missieru kien talab lill attur garanzija u li ssir xi haga bil-miktub. Il-Perit kien

irreagixxa u qal li huma ma kienux tfal u hemm l-irgulija fin-nofs. Pero' eventwalment ma kien sar xejn. L-attur ma kienx hareg il-flus u lanqas ghamel garanzija.
"Stranament Alfred Vella, l-aktar wiehed li kien involut f'din l-allegata shubija, ftit li xejn jsemmi jew tah dettalji dwar dina l-laqgha u ezattament x'gie miftiehem.

"Ghalhekk fl-istat tal-provi kif inhuma, jirrizulta li l-partijiet mhux qed jaqblu li kien intlahaq lanqas ftehim verbali dwar shubija fuq it-tender tal-airport.

"**Tikkunsidra**

"Illi l-partijiet jaqblu li mhux bil-fors ftehim kummercjali jrid ikun bil-miktub ad validitatem. (ara Artikolu 1233 Kap 16). Inoltre l-prova ta' l-esistenza ta' ftehim simili tista' ssir b'mezzi ohra u l-prova ta' dan l-ftehim trid issir minn min jallega l-esistenza tieghu. Il-prova tista' ssir b'xhieda jew mezzi ohra skont il-Kodici ta' Procedura. Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilita', konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bazi ta' bilanc ta' probabilitajiet li huwa sufficjenti f'kawza civili.

"F'dina l-kawza l-attur qed jibbaza l-pretenzjoni tieghu li kien hemm dan il-ftehim verbali ta' shubija fuq tlett konsiderazzjonijiet principali. Ghalkemm ma kien hemm ebda skrittura, l-attur jirritjeni li dawk il-konsiderazzjonijiet flimkien ghandhom iwasslu ghall-konvinciment ta' dina l-Qorti li ftehim ta' shubija kien hemm. Dawn il-konsiderazzonijiet huma:

1. Il-fatt li hu nghata poteri tant wesghin biex jorbot lill Fithome li kien ifisser li gie implimentat il-ftehim tal-joint venture.

2. Dawn il-poteri kienu maghrufin min nies li kellhom x'jaqsmu maghhom.

3. Li l-ishubija tirrizulta wkoll mill-fatt li kien infetah Contracts Account u joint account gewwa l-Ingilterra bejn Alfred Vella u l-attur li fuqu l-attur kellu l-firma. Mill-contracts account kienu jitqassmu l-profitti bejn il-partijiet

u mill-kont ta’ l-Inghilterra kienu jsiru hlasijiet ghal materjal li kien jinxtara ghall-progett.

“**Poteri shah**

“L-attur issottometta li huwa inghata poteri shah li jorbot lill-kumpanija u li dawn il-poteri ma kienux jinghataw lill-persuna li kienet biss konsultent kif is-socjeta konvenuta qed tippretendi li kien. Illi dana l-fatt kien maghruf minn terzi persuni li kellhom x’jaqsmu ma’ dan il-progett ta’ l-airport terminal, bhal per ezempju, il-bank manager, l-avukati, u n-nies involuti fil-qrib bhal sub-contractors. L-istess haga ighid l-attur dwar ix-xiri ta’ l-art f’Paceville li skont hu nxtrat bi shab.

“Is-socjeta konvenuta min-naha l-ohra tirritjeni li mhux kontestat li l-attur kien involut fuq ix-xoghol tal-kuntratti li hadet il-Fithome izda hu kien il-project manager u konsulent biss u l-istruzzjonijiet li l-attur kien jaghti kellhom jigu konfermati mid-diretturi tal-kumpanija. L-attur kien jirrapprezenta lis-socjeta konvenuta fuq kwistjonijiet kemm teknici kif ukoll kummercjali imma dejjem bhala konsulent u mhux bhala sieheb.

“Milli provi prodotti jirrizulta li l-attur, apparti li kien konsulent, kien gie wkoll appuntat mis-socjeta konvenuta bhala *special Attorney to represent Fithome Ltd and to sign any document on behalf of the Company in connection with Luqa New Terminal Project contract under those conditions he deems appropriate*. (ara fol 119). L-attur isostni li dawn il-poteri ma jinghatawx lill-persuna li tkun konsultent biss. Meta Alfred Vella gie mistoqsi dwar dana d-dokument u l-awtorita’ li l-attur inghata, hu wiegeb li ma kienx jaf b’dana d-dokument (ara fol 232) ghalkemm meta gie mistoqsi dwar il-firma li kien hemm fuq dina l-prokura accetta li l-firma kienet tieghu u li kien anke ffirma missieru u huh.

“Gew prodotti xhieda li qalu li l-attur kien jawtorizza li jsiru spejjez ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta (A.Falzon) u li l-attur kien juza dina l-awtorita’ u jiftah il-letters of credit ghas-socjeta konvenuta ( Anthony Dalli) ghalkemm wara

dawn l-ordinijiet kienu jigu ratifikati mid-direttur tas-socjeta konvenuta. (Isabell Vella u Edgar Busietta).

“Fit-tender document (ara fol 296) fejn hemm l-information statement ghalkemm l-applikant kien Alfred Vella on behalf of Fithome Ltd (kumpanija u mhux joint venture (fol 298) izda l-attur gie indikat ukoll bhala wiehed mill-persuni flimkien ma’ Alfred Vella, li kien 6:4 “*authorised to sign contracts in the name of the organization”;* 6:5 bhala il-persuna wkoll li kien “*authorised to fulfil all the conditions of the contract”*

“Fil-kont ta’ l-Inghilterra minn fejn kien jinxtara l-materjal ghal dana l-progett l-attur kellu kontroll shih u kien firmatarju.

“Gew prodotti xhieda li qalu li l-attur kien jaghti l-ideja li hu kien qed jagixxi mhux biss bhala perit biss fuq dana l-progett imma li kien anke jagixxi fl-interess personali tieghu ( Ara xhieda tal-Perit Albert Borg Costanzi u ta’ Jerome Licari li, dan ta’ l-ahhar, ighid li l-partijiet kienu qalulu li kienu shab u b’hekk hu kien jiddilja biss ma’ l-attur).

“Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta pproduciet xhieda li qalu li l-attur kien biss il-konsulent ta’ Fithome u li ma nnotawx diskors jew agir li setgha jnissel l-impressjoni fihom li hu kien partner ma’ Fithome. ( Perit A. Mifsud, Perit Joseph Mizzi u Perit Lino Zammit).

“Hafna mix-xhieda msemmija xehdu fuq dawk li huma impressjonijiet taghhom aktar milli fuq fatti konkreti dwar l-esistenza ta’ dina l-ishubija jew raw xi dokument f’dan is-sens. Il-fatt wahdu, per ezempju, li l-partijiet kienu jidhru qieshom haga wahda jew involuti flimkien fil-progett f’daqqa mhux necessarjament kien ifisser li kienu shab; lanqas il-fatt li l-Avukat irrifjuta li jippatrocinja wiehed mill-partijiet kontra l-iehor ma jfisser li dan ghamlu ghax il-partijiet kienu shab u mhux ghal-raguni ohra. Jigi notat ukoll li f’dan il-process kien hemm xhieda li f’mument ighidu haga, u mument iehor jibdlu dak li jkunu qalu jew ighidu li jridu jiccaraw dak li kien intqal qabel minnhom.

Jidher li xhud wiehed baqa' jinsisti kategorikament li l-kontendenti kienu shab. Jerome Licari ( fol 501/2) ighid "Jien ghaliha l-Perit Gambina u Fithome kienu bi shab. It-tnejn qaluli hekk". Lilu kienu qalulu li bhal speci qeghdin flimkien joint venture ghax-xoghol tal-airport.

"Il-Qorti tirrileva li x-xiehda ta' dawn il-persuni li gew prodotti ghandha tinghata piz probatorju biss jekk tigi konfortata bi provi ohra cirkostanzjali.

"Jirrizulta almenu li gie pruvat li s-socjeta konvenuta kienet verament tghat poteri vasti lill-attur li kienu jwasslu anke biex jorbtuha fuq dana l-kuntratt, liema poteri kienu jmorru oltre l-poteri soliti li jinghataw generalment lill-konsulenti. Izda dana l-fatt wahdu kif ukoll dak li xehdu terzi involuti mhumiex prova konkludenti dwar l-esistenza tal-ftehim kummercjali verbali dwar shubija fuq il-kuntratt de quo allegat mill-attur. Infatti l-attur mhux qed jistrieh biss fuq dawn il-provi biss. Hu ssottometta li hemm provi cirkostanzjali ohra li ghandhom jikkonfermaw it-tezi tieghu.

"**Contract Accounts.**

"L-attur isostni li apparti l-poteri li kellu, minhabba l-ishubija li kien hemm bejnithom, kellu jkun hemm contracts account biex kull ma jidhol u johrog minn dana l-progett, jidhol f'dana l-account, li kellu jkun tal-joint venture. Inoltre infetha kont iehor l-Ingilterra biex isiru pagamenti direttament minn barra ghall-materjal li kien jinxtara ghal dana l-progett.

"Is-socjeta konvenuta tinisti li ghalkemm fuq il-kont ta' barra l-attur kellhu l-firma, fuq il-contracts account l-attur ma nghata ebda firma u ebda kontrol. Tghid ukoll li dana l-kont kien biss facilita' bankarja ta' overdraft f'isem Fithome (is-socjeta' konvenuta ma dahhlet ebda flus f'dan il-kont kif qal l-attur) u garantit minnha biss. Skont is-socjeta' konvenuta dan il-kont infetah fuq talba tal-bank (u mhux fuq talba ta' l-attur kif hu qed isostni) billi l-bank ried li r-rikavat kollu tal-kuntratt tal-airport terminal jidhol fih, u l-avvanzi li jaghmel biex jithallsu l-ispejjez in konnessjoni mal-progett, johrogu mill-istess kont. Din kienet is-

sistema li ried il-bank biex jikkontrolla d-dhul u l-hrug konness mal-progett. Dwar il-kont ta’ l-Inghilterra s-socjeta’ konvenuta taccetta li dan kien jintuza mill-attur biex jithallas l-materjal importat u l-attur inghata firma fuqu ghax kien fdat minnhom u kellu esperjenza fil-procurement.

“L-attur qed jippretendi nofs il-profitt mill contracts account f’Malta u nofs il-kont ta’ l-Inghilterra u dana billi kienu shab.
Jirrizulta mill-provi li l-konteggi li kienu jsiru f’dana l-account kienu separati mill-accounts ta’ Fithome Ltd. Dan gie konfermat minn Alfred Falzon, l-awditur tas-socjeta konvenuta fejn ighid li l-operat tal-Fithome kien separat.

“Mid-Dok D a fol 30 jirrizulta li l-attur thallas Lm50,000 fuq dan il-progett tal-airport li l-attur jispecifikah bhala li kien *on account from net profit after tax*. Dana l-ammont fil-fatt kien thallas lill-attur u s-socjeta konvenuta qed taccetta li dana l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somnma li qed jitlob l-attur, ghalkemm qed taccetta biss li kien dovut bhala consultancy fees u mhux profitt. Ma jidhirx pero’ li meta inharget dina l-ircevuta kien hemm kontestazzoni f’dana is-sens da parti tas-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta konvenuta ressqet xhieda u dokumenti biex turi li l-attur kien biss consultant maghha, izda l-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jigu kunsidrati fil-kuntest kollu tal-vertenza in kwistjoni u l-ispejgazzjoni li tah l-attur taghhom u l-ispejgazzjoni li taw ix-xhieda li hargu d-dokumenti.

“Jirrizulta ukoll mill-provi li meta nghalaq il-kont ta’ l-Inghilterra l-attur kien thallas nofs l-ammont li kien fadal f’dana l-kont, u dana mhux ghax kien konsulent.

“Inotlre jirrizulta li l-attur thallas nofs il-prezz ta’ *container load postform panels and accessories* (Dok H p 34) li ma kienx se jithallas kieku hu kien biss konsulent u mhux shab. Dana l-materjal kien inxtara mill-fondi tal-contracts account li kellhom il-partijiet.

“Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur irnexxilu b’dawn il-provi konkreti, apparti x-xhieda u konsiderazzjonijiet ohra, jasal

biex jikkonvinci lill dina l-Qorti li hu ma kienx semplicement konsulent f'dana l-progett imma li kien hemm qbil li fuq dana l-progett huma jaqsmu r-rikavat bi shab.

"Ghalkemm mhux determinanti wkoll izda l-Qorti thoss li anke dak li ntqal fit-tape ezibit a fol 109-110 fil kawza numru 276/05 ikompli jikkonferma u jsahha l-konvinciment ta' dina l-Qorti li fil-fatt kien hemm ftehim verbali bejn Alfred Vella u l-attur li kellhom ikunu shab fuq dana l-progett. Alfred Vella gie rekordjat li qal:

*"Jiena ma nsejtx li konna shab, u sebah u dalam. Jien xejn ma ninsa".*

"Ghalkemm Alfred Vella pprova jiggustifika dak li hu qal u li gie rikordjat billi qal li d-diskors intqal b'ironija u f'rabbja u li hu ma riedx jikkkommetti ruhhu dwar dak li kien qed jitolbu l-attur, pero' ma' jirrizulta minn imkien li d-diskors intqal b'ironija. Vella ma riedx jikkommetti ruhhu fuq il-pagament u mhux fuq is-shubija.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li fuq l-progett tan New Airport Terminal kien hemm ftehim verbal ta' shubija bejn l-attur u Fithome Ltd.

"**Art Paceville**

"L-attur qed jippretendi wkoll li huwa ghandu wkoll nofs sehem mill-art ta' Paceville li skont hu nxtrat bi flus li nhargu mill-Contracts Account fejn kien hemm ir-rikavat tat-tender ta' l-Airport.

"Min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta ssostni li kienu l-ahwa Vella li hargu l-flus biex inxtrat dina l-art. Hi tghid li l-bank ma riedx li l-contracts account jintuza ghax-xiri ta' art, ghalhekk kienet inhareg sanction letter u s-self gie garantit mill-ahwa Vella personalment. L-isem ta' l-attur ma jidher imkien fuq il-kuntratt ta' xiri ta' din l-art. Fithome xtrat is-shares ta' Hotelways Ltd li kienet propretarja ta' l-art.

“Mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm fil-bidu kien jidher li l-attur u s-socjeta konvenuta kienu se jixtru l-art f’daqqa wara spicca biex l-art inxtrat biss mis-socjeta’ konvenuta principalment bi flus li ssellfet mill-bank u b’garanziji ta’ l-ahwa Vella li taw lill bank.

“L-attur qed ighid li ghandu nofs dina l-art, ghax skont hu l-flus hargu mill-contracts account (ara dok 36/8,145, 451 ) u li ismu ma jidhirx fuq il-kuntratt ghax is-socjeta konvenuta deheret ghaliha bhala prestanome.

“Lill Qorti ma jirrizultaliex xi diskors u jew indikazzjonijiet ohra li s-socjeta konvenuta kienet accettat li tidher bhala prestanome ghall-attur fuq il-kuntratt. Fil-kuntratt jidher biss l-isem tas-scojeta’ konvenuta u ta’ l-attur ma jidher imkien. Is-socjeta konvenuta tghid li ma kien hemm xejn x’ostakola lill-attur milli jidher fuq il-kuntratt t’akkwist kieku verament kien se jixtri wkoll bi shab. Inoltre s-socjeta konvenuta gabet dokumenti (ara fol 486 bhal sanction letter u ittri ohra) minn fejn jirrizulta li kien sar self lilha biex inxtrat dina l-art u li meta l-ahwa Vella ma waslux, il-bank kellu jillikwida certi accounts personali taghhom u l-attur ma kellux x’jaqsam xejn.

“Dak li xehdu Edgar Busietta u Harry Sullivan dwar in-negozju fuq dina l-arti u fejn isemmu li l-partijiet kienu qaluluhom li huma kienu se jixtru bi shab, meta dawn ix-xhieda gew kontroezaminati quddiem dina l-Qorti huma ma kienux daqshekk kategorici dawk dak li kienu qalu fl-affidavit li huma kienu ghamlu u li pprezentaw fil-kawza l-ohra 276/05.

“Dwar il-fatt li skont id-Dok M a fol 44 jidher li c-cens fuq dina l-art intalab lill-attur, din mhiex prova univoka u konklussiva li l-art inxtrat bi shab mill-attur.

“Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-art ta’ Paceville inxtrat bi shab.

“**Konteggi**

“Skont is-socjeta konvenuta jekk wiehed joqghod fuq l-audited accounts, hemm profit rimanenti ta’ Lm 204,000 ghalhekk sehem l-attur jigi Lm 102,000 u jekk tnaqqas il Lm 82,000 li hu diga thallas, jifdallu bilanc ta’ Lm 20,000 . Biex waslet ghall dina l-figura s-socjeta konvenuta qed issostni li kien hemm expenditure ta’ Lm 625,668.00.

“Min-naha l-ohra l-atturipprezenta l-konteggi dwar l-ammont li huwa qed jitlob. Hu xehed li kellu hafna mid-dokumenti konnessi ma’ dana l-progett bl-ammonti tax-xiri li sar. Li ma kellux kienu l-ispejjez li kienu qed isiru fil-fabbrika tal-Fithome. Zied ighid li meta nqala l-inkwiet bejniethom, kienu iffrizaw il-kont tal-contracts account minn meta kienet spiccat is-shubija. F’dak l-istadju, minn hemm il-quddiem ma kienx hemm spejjez izjed x’isiru; kien hemm biss pagamenti x’jidhlu li kellhom jinqasmu bejniethom. Ghalhekk id-Dok J a fol 36/320 sa Novembru 1992, l-attur ighid li dan kien jirrapprezenta biss l-hrug u dhul tal-jointvenure izda wara dik id-data bdew dehlin spejjez mis-socjeta konvenuta li ma kellhomx x’jaqsmu mal-joint venture.

“L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq “Bank Position” tal-contracts account mahrug mill Fithome Ltd sal 16 ta’ Novembru 1992 (ara fol 24/317). Il-Qorti ghalhekk se toqghod fuq dina l-Bank position bhala bazi ghall-likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut lill-attur.

“A fol 317 sa 319 l-attur ipprezenta prospett u spjegazzjoni tar-rikavat pretiz mill-minnu. A fol 312 jispjega kif wasal ghall bilanc li qed jitlob. Ighid li l-bilanc fil-contracts account kien juri LM 61,740.16 u meta tnehhi l-entries li ma kellhomx x’jaqsmu, l-bilanc li kien fadal kien ta’ Lm 48,518.68. Dahlu tlett pagamenti ta’ LM 737,952.02 wara Novembru 1992. ( Dok a fol 327). Meta tnaqqas l-ispejjez konnessi mal-progetti li tlestew qabel twaqqfet il-joint venture fl-ammont ta’ Lm 248,400.62 jifdal bilanc ta’ Lm 489,553.20. Minn dana l-ammont l-attur imissu nofs, cjoe Lm 244,776.60. Minnhom iridu jitnaqqsu Lm 82,209.50 li hu gja rceva li jhalli bilanc ta’ Lm 162,567.10.”

"Huwa veru li fil-contract accounts hemm parti mill-ammont li nhareg ghax xiri ta' l-art f'Paceville li suppost ghalhekk, skont id-decizjoni ta' dina l-Qorti m'ghandhux jehilhom l-attur stante li gie deciz li l-art inxtrat mis-socjeta' konvenuta, izda billi jirrizulta li s-socjeta konvenuta ghamlet spejjez, li l-attur ighid li ma kellux kif jivverifikahom ghax ma kellux l-accounts kollha f'idejh, u billi hu stess jammetti li l-prospett tieghu mhux ghal kollox preciz, il-Qorti hi tal-fehma li dana l-ammont m'ghandux imur favur l-attur imma jitnaqqas ukoll. Minn dana l-ammont ta' cirka Lm19,000 l-attur kien imissu xi Lm 9000.

"Ghalhekk l-attur ghandu jiehu Lm 162,567.10 jew Euro 378,683.80 sehemu mill-progett.

"**Preskrizzjoni**

"Is-socjeta konvenuta kienet eccepiet ukoll li bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kienet x'kienet ir-relazzjoni guridika bejn l-partijiet, it-talbiet attrici huma milqutin bil-preskrizzjoni skont l-artikolu 2156 (f) tal-Kap16, stante illi mis-sena 1985 sa meta giet prezentata l-kawza ghaddew iktar minn hames snin.

"Illi fil-fehma tal-Qorti t-terminu tal-preskrizzjoni f'dana l-kaz ghandu jibda jiddekorri mid-data meta d-debitu sar dovut cjoe minn meta s-socjeta' konvenuta thallset dak li kien dovut lilha fuq il-kuntratt f'Ottubru 1995 (fol 327). San 1990 il-kuntratt kien ghadu ghaddej u l-ammont dovut ma kienx ghadu likwidat u mhallas.

"Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-28 ta' Jannar, 2009, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellanti billi tiddikjara li ma kienx hemm shubija bejn il-partijiet, u li ghalhekk l-appellat mhux kreditur tal-appellanti; u in difett, jekk din l-ewwel

talba tal-appellanti ma tigiex milqugha, illi tirriforma s-sentenza appellata billi tibdel is-somma likwidata bhala dovuta lill-appellat u tissostitwiha bis-somma ta' sitta w erbghin elf, tliet mija u sittin elf euro u tmienja u tmenin centezimu (€46,360.88); u fi kwalunkwe kaz tiddikjara illi l-imghax fuq kull somma stabbilita bhala dovuta lill-appellat tkun bl-imghax mhux mid-data tac-citazzjoni, izda mid-data tas-sentenza finali. Bl-ispejjez.

L-appellat il-Perit John Gambina pprezenta risposta ghar-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta fejn iddikjara li s-sentenza appellata hija gusta, ekwa u korretta u timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Fir-rikors tal-appell taghha s-socjeta` konvenuta ressqet tlett aggravji kontra s-sentenza msemmija li, fil-qosor jikkoncernaw:-
a) id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li biha gie dikjarat illi bejn il-kontendenti tezisti joint venture, u li l-attur huwa intitolat ghal nofs il-profitti taghha;

b) illi, minghajr pregudizzju u fl-event li ma jintlaqghax l-ewwel aggravju, il-metodu ta' likwidazzjoni sew tal-profitti imsemmija u konsegwentement il-likwidazzjoni tas-sehem tal-attur;

c) il-kundanna ghall-hlas tal-imghax kummercjali fuq is-somma hekk likwidata mid-data tac-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi jidher ovvju mill-ewwel ezami ta' dawn l-aggravji li l-ewwel tnejn fosthom jikkoncernaw principalment l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti nkwantu qed jigi allegat mill-appellant, li l-provi prodotti kellhom iwasslu lil dik il-Qorti ghall-konkluzjoni opposta jew, fil-kaz tal-likwidazzjoni tal-kumpens, differenti minn dak li hemm provdut fis-sentenza appellata.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirrileva li, kif stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Frendo et v. Agius et** tas-7 ta' Ottubru, 2008, u diversi sentenzi ohra, illi huwa principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, bhala regola ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Infatti huwa principju stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-ewwel istanza jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Il-Qorti tal-Appell, bhala norma tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat b'mod li jekk jithalla jibqa' jregi tkun sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew ohra.

Minn ezami tal-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet din il-Qorti hija sodisfatta li l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed gust u jirrifletti dak li kien mahsub bejn il-partijiet, u cioe` li n-negozju li kien qed isir bit-tehid ta' diversi kuntratti mis-socjeta` Fithome Limited kien effettivament qed isir bi shab bejn l-istess socjeta` u l-attur il-Perit John Gambina kif allega l-istess attur f'dawn il-proceduri.

Illi hemm diversi cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti. Infatti tul il-gbir tal-provi jidher li kien generalment rikonoxxut, ghalkemm mhux dejjem konfermat mix-xhieda prodotti, li l-partijiet kienu shab. Fost ohrajn hemm ix-xhieda ta' Jerome Licari, li mhux biss iddikjara li ghalih il-partijiet kienu qed jagixxu bi shab talli kkonferma wkoll li dan il-fatt kienu kkonfermawulu l-kontendenti. Hemm ukoll ix-xhieda ta' Edgar Busietta il-Bank Manager tal-branka tal-Midmed Bank fil-Mosta li kkonferma mhux biss li kien jaf sew kemm lil Fithome kif ukoll lill-Perti Gambina izda ddikjara wkoll li dawn "*kienu qaluli li kienu qeghdin jahdmu l-*

*progetti bi shab …. li dawn il-progetti kienu jittiehdu fuq isem il-Fithome u jithaddmu mill-"Contracts Account" li kellhom mal-Midmed Bank fil-Mosta."* Dan kompla hekk "*ahna konna nagixxu fuq l-instructions kontinwi tal-perit Gambina u aktar il-quddiem, meta xi wiehed mid-diretturi tal-Fithome kien jigi l-bank, konna nitolbuh biex jiffirmalna **hdejn il-firma tal-perit Gambina** biex tigi ufficjalizzata."* (Enfazi ta' din il-Qorti). Dwar l-akkwist tal-art gewwa Paceville dan ix-xhud ddikjara hekk: "*li fin-1992 il-perit Gambina u il-Fithome kienu qaluli li kienu xtraw bicca art bi shab gewwa Paceville u il-kuntratt tax-xiri ta' din l-art kien sejjer isir **bhas-soltu** fuq isem il-Fithome."* Infatti jirrizulta mill-Bank statement tal-Contracts Account, rilaxxjat mill-istess socjeta` konvenuta lill-attur, li f'Gunju, 1992 minn dan l-account saru diversi pagamenti lil sidien tal-art gewwa Paceville.

Minn din id-dikjarazzjoni tal-Bank Manager, persuna affidabbli mhux biss minhabba l-posizzjoni tieghu, izda minhabba wkoll il-fatt li kien huwa li kellu s-sorveljanza tal-Contracts Account, kont rikjest mill-istess bank biex ikun hemm kontroll fuq id-dhul u hrug rizultat tax-xoghlijiet li kienu qed jittiehdu, din il-Qorti tiddikjara li hija sodisfatta li l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar is-shubija ta' bejn il-kontendenti fin-negozju tal-kuntratti kienu korretti. Infatti dan ix-xhud ikkonferma li l-Bank kien jagixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit Gambina u li l-firma ta' xi wiehed mid-diretturi kienet biss rikjesta bhala formalita` billi l-kont kien intestat f'isem is-socjeta` konvenuta.

Ix-xhud Perit Edward Micallef ukoll jaghti kredibilita` lill-verzjoni tal-attur. Infatti, ghalkemm dan xehed li quddiemu qatt ma ntqal kliem fuq xoghol ta' bejn il-kontendenti u li qatt ma ra *agreements*, meta kien gie inkarigat bhala "Project Manager" fuq x-xoghol tal-Airport qal hekk: "*Kienu qabbduni t-tnejn flimkien biex naghti s-servizzi tieghi fuq l-airport bhala project manager u konna ftehmna l-fees u kollox….. Huma kienu qed jigbdu l-istess karru, daqqa kont inkellem lil wiehed u daqqa kont inkellem lill-iehor pero` dejjem flimkien u* [jerga] *kienu qed jigbdu l-istess karru.*" Din il-Qorti tifhem li l-espressjoni "*tigbed l-istess karru*" specjalment minghand persuna

professjonali bhal perit, ma setghet tfisser xejn anqas hlief li kien hemm arrangament ta' shubija altrimenti x'interess kien ikollu l-attur li jigbed l-istess karru jekk ma kellux interess fis-success tal-intrapriza u l-eventwali spartiment tal-profitti. Inoltre jekk ma kienx hemm din is-shubija xi dritt kellu l-attur li jinkariga in-nies u sahansitra jiddeciedi fuq l-kumpens li jithallas lilhom.

Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2001 kien xehed Alfred Falzon, l-awditur mid-ditta Falzon & Falzon li jzommu l-kontijiet tas-socjeta` konvenuta. Dan xehed b'mod vag hafna dwar ir-relazzjonijiet jew l-involviment tal-attur mas-socjeta` konvenuta biss fl-ahhar tax-xhieda tieghu jghid hekk: "*Dwar l-Airport l-impressjoni tieghi kienet li xi haga kienet ghaddejja bejniethom. Ma nafx jekk kienux jaqsmu jew inkella jiehu parti bhala fees tieghu. Pero` naf li xi haga kienet ghaddejja.*"

Issir referenza wkoll ghad-dokument 'B' li jinsab a fol. 119 tal-process li jaghmel referenza ghal-laqgha tal-Board tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta mizmum fid-19 ta' Novembru 1990, fejn kien gie miftiehem li "*Mr. John Gambina A & CE be appointed as special attorney of the Company to represent FITHOME Ltd and to sign any document on behlaf of the Company, <u>in connection with Luqa New Air Terminal Project (Malta) contract NSC III under those conditions he deems appropriate.</u>*" Dan id-dokument huwa ffirmat mid-diretturi kollha tas-socjeta` konvenuta, inkluz ic-Chairman taghha is-sur Carmelo Vella. Din il-Qorti ssaqsi x'kien l-iskop li jinghata dan il-poter assolut lill-attur jekk dan, skont is-socjeta` konvenuta, kien biss konsulent? Certament kien hemm izjed minn daqshekk u certament is-socjeta` konvenuta kienet qed tirrikonoxxi fl-attur interess personali f'dan in-negozju.

Huwa minnu li Carmelo Vella, ex-Chairman tas-socjeta` konvenuta u missier id-diretturi l-ohrajn ahwa Vella, xehed li ghalkemm sar diskors dwar shubija finalment ma sar xejn billi l-attur ma riedx jintrabat b'xi garazija jew xi skrittura. Biss jidher li sussegwentement ghal din il-laqgha meta sar dan id-diskors u anke qabel, kien hemm

"*understanding*" bejn l-attur u Alfred Vella, Managing Director tas-socjeta` konvenuta dwar xi ftehim u, minkejja dak li ntqal fil-laqgha li l-istess Carmelo Vella jaghmel referenza ghaliha, dan l-intendiment bejn l-attur u Alfred Vella baqa' jigi attwat u anke accettat minn terzi, kif rajna aktar 'il fuq. Sahansitra kienet inghatat awtorita` specjali lill-attur kif jixhed id-dokument imsemmi aktar 'il fuq.

Ghalhekk, u anke minhabba ragunijiet ohrajn li jirrizultaw in atti u li din il-Qorti ma tarax il-htiega li tirriproduci, din il-Qorti tara li jirrizultaw provi sufficjenti in sostenn tal-pretensjoni attrici u li konsegwentement l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-ftehim ta' shubija, kienet wahda tajba u gusta. Isegwi li dan l-aggravju mhux gustifikat u ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat.**

It-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti jikkoncerna l-metodu ta' likwidazzjoni sew tal-profitti msemmija u konsegwentement il-likwidazzjoni tas-sehem tal-attur.

Is-socjeta` appellanti tinsab aggravata bil-likwidazzjoni ta' sehem l-attur mill-profitti billi qed jinghad li l-mod kif waslet ghall-konkluzjoni taghha dik il-Qorti "*ghamlitu minghajr ma offriet l-ebda raguni il-ghala x-xhieda autorevoli tal-awditur giet kompletament skartata qisha qatt ma nghatat."* Fir-rikors tal-appell is-socjeta` appellanti tkompli hekk f'dan ir-rigward: "*L-appellanti huma ferm aggravati minn dan il-kap tas-sentenza illi fiha l-Qorti strahet fuq kalkoli ex parte li ex admissis ma setghux ikunu precizi, u ex admissis ma hadux in konsiderazzjoni il-production costs u overhead costs, u skartat ix-xhieda tal-awditur indipendenti li xehed fuq il-kotba tal-kummerc li skont il-ligi ghandhom effett probatorju.*"

Fil-kuntest ta' din is-sottomissjoni huwa xieraq li hawn tigi riprodotta dik il-parti mis-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti trattat il-likwidazzjoni tal-profitti u liema parti tas-sentenza giet riprodotta fir-rikors tal-appell. Fil-parti citata jinghad hekk:

"Skont is-socjeta konvenuta jekk wiehed joqghod fuq l-audited accounts, hemm profit rimanenti ta' Lm 204,000 ghalhekk sehem l-attur jigi Lm 102,000 u jekk tnaqqas il Lm 82,000 li hu diga thallas, jifdallu bilanc ta' Lm 20,000 . Biex waslet ghall dina l-figura s-socjeta konvenuta qed issostni li kien hemm expenditure ta' Lm 625,668.00.

"Min-naha l-ohra l-attur ipprezenta l-konteggi dwar l-ammont li huwa qed jitlob. Hu xehed li kellu hafna mid-dokumenti konnessi ma' dana l-progett bl-ammonti tax-xiri li sar. Li ma kellux kienu l-ispejjez li kienu qed isiru fil-fabbrika tal-Fithome. Zied ighid li meta nqala l-inkwiet bejniethom, kienu iffrizaw il-kont tal-contracts account minn meta kienet spiccat is-shubija. F'dak l-istadju, minn hemm il-quddiem ma kienx hemm spejjez izjed x'isiru; kien hemm biss pagamenti x'jidhlu li kellhom jinqasmu bejniethom. Ghalhekk id-Dok J a fol 36/320 sa Novembru 1992, l-attur ighid li dan kien jirrapprezenta biss l-hrug u dhul tal-joint venure izda wara dik id-data bdew dehlin spejjez mis-socjeta konvenuta li ma kellhomx x'jaqsmu mal-joint venture.

"L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq "Bank Position" tal-contracts account mahrug mill Fithome Ltd sal 16 ta' Novembru 1992 (ara fol 24/317). Il-Qorti ghalhekk se toqghod fuq dina l-Bank position bhala bazi ghall-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur.

"A fol 317 sa 319 l-attur ipprezenta prospett u spjegazzjoni tar-rikavat pretiz mill-minnu. A fol 312 jispjega kif wasal ghall bilanc li qed jitlob. Ighid li l-bilanc fil-contracts account kien juri LM 61,740.16 u meta tnehhi l-entries li ma kellhomx x'jaqsmu, l-bilanc li kien fadal kien ta' Lm 48,518.68. Dahlu tlett pagamenti ta' LM 737,952.02 wara Novembru 1992. (Dok a fol 327). Meta tnaqqas l-ispejjez konnessi mal-progetti li tlestew qabel twaqqfet il-joint venture fl-ammont ta' Lm 248,400.62 jifdal bilanc ta' Lm 489,553.20. Minn dana l-ammont l-attur imissu nofs, cjoe Lm 244,776.60. Minnhom iridu jitnaqqsu Lm 82,209.50 li hu gja rceva li jhalli bilanc ta' Lm 162,567.10."

Is-socjeta` appellanti tirrileva li l-konteggi tal-attur huma skorretti billi fl-ewwel lok, kif jammetti huwa stess, dawn huma approssimattivi u mhux kontijiet ezatti.  Inoltre tosserva li kif jammetti l-attur innifsu, fil-kunteggi li saru minnu, l-attur ma hax kont tal-*overhead* costs tal-*manufacturing side* tal-progett u li huwa attribwixxa biss 20% tal-attivita` ghal din l-ispiza.

Mill-banda l-ohra s-socjeta` appellanti issostni li l-awditur tal-kumpannija Alfred Falzon kien xehed dwar l-ispejjez kollha konnessi mal-progetti msemmija.  Tispjega wkoll li filwaqt li l-“Contracts Account” kien jaghti stampa cara tad-dhul mill-progetti u d-*direct costs* dan ma kien jikkontjeni ebda informazzjoni fuq l-ispejjez indiretti e.g.  kera tal-fabbrika, depprezzament tal-makkinarju, u spejjez ohra konnessi mat-tmexxija u thaddim tal-fabbrika.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Alfred Falzon li l-accounts kienu nhadmu wara diversi diskussjonijiet fil-prezenza tal-attur li kien jippartecipa b’mod pozittiv fid-decizzjonijiet koncernanti l-preparazzjoni ta’ dawn l-*accounts*.  Is-socjeta` appellanti ghalhekk tissottometti li ghalhekk issa l-attur ma jistax jghid li dawn il-kontijiet ufficjali huma difettuzi.

Finalment qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti li, skont il-ligi, l-kontijiet socjali tal-kumpannija “*huma prova tal-kontenut taghhom*” u konsegwentement din il-Qorti ghandha taccetta t-tezi tas-socjeta` konvenuta fejn jinghad li l-attur huwa, *se mai*, intitolat biss ghall-bilanc ta’ cirka LM20,000.  Dwar din is-sottomissjoni huwa xieraq li jinghad immedjatament li dawn il-kotba ma humiex imnizla fil-lista indikata fl-Artikolu 627 tal-Kap.  12 li jindika d-dokumenti li huma ammissibbli bhala prova bla ma tkun mehtiega ebda prova ohra dwar l-awtenticita` taghhom. Il-kotba tal-kummerc mizmuma skont il-ligi huma ammissibbli u jistghu jipprovaw dak li jkun fihom, kemm-il darba tigi ppruvata l-awtenticita` taghhom, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju.  Dawn id-dokumenti ghalhekk jistghu jigu kuntestati, kif effettivament sar mill-attur appellat.

L-appellat, mill-banda l-ohra, isostni li r-ragunament tal-ewwel Qorti kien ben motivat u dettaljat billi wkoll "*tat breakdown tal-figuri u spjegazzjonijiet akkurati ta' kif wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha.*" L-appellat inoltre jikkontesta l-affidabbilita` tax-xhud Alfred Falzon u tal-*audited accounts* prezentati mis-socjeta` konvenuta billi fihom jinsabu diversi mankanzi bhal per ezempju:

a) meta ma ssir ebda referenza ghat-transazzjoni dwar l-akkwist tal-art gewwa Paceville ghalkemm il-flus hargu mill-"*Contracts Account".*

b) il-fatt li dawn l-*accounts* li huma datati 22 ta' Frar, 1995 jirriproducu l-ammont kollu li thallset lis-socjeta` appellanti mill-gvern meta l-offerta finali tal-Gvern saret fil-11 ta' Ottubru, 1995 u dak inhar accettata mis-socjeta` konvenuta.

c) li dan il-fatt juri li l-accounts kienu gew pre-datati biex l-appellanti u l-awditur ikunu jistghu jsostnu t-tezi taghhom li l-attur kien involut fil-preparazzjoni tal-accounts, fatt li huwa kontestat u ma jirrizultax mill-provi.

d) il-fatt li gew inkluzi f'dawn l-*accounts* certa ammonti indikati bhala spejjez meta effettivament dawn kienu kollha hrug mill-profitti e.g.  l-ammont ta' LM82,209.50 imhallsa lill-attur li ma jistghux jigu kunsidrati bhala spejjez izda pagament lill-appellat mill-profitti li allura jridu jinghaddu lura mal-profitti.

e) il-fatt li dawn l-accounts jinkludu spejjez personali ta' Alfred Vella li allura jridu jitnaqsu u b'hekk jizdied l-element ta' profitt.

f) il-fatt li l-accounts juru ammonti mhallsa barra minn Malta meta l-invoices relattivi, kontra kull prassi osservata dak iz-zminijiet, ma kienux ittimbrati mill-Bank ghal finijiet tal-Exchange Control.  Liema ammonti ghalhekk ma humiex accettabbli.

g) il-fatt li xi pagamenti li saru mill-Contracts Account tal-Ingilterra regghu gew riprodotti fl-accounts tal-Contracts Account ta' Malta.

h) il-fatt li dawn l-accounts juru certa debiti wara li l-account kien inghalaq.

Illi tenut kont ta' dan kollu, u cioe` s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti u dawk maghmula mill-attur appellat, din il-Qorti hija propensa li tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti u taccetta l-konteggi maghmula mill-attur appellat u dan principalment billi jidher li dawn gew ibbazati fuq Bank Statement li juri l-"cut off date" tal-*account* in kwistjoni u billi ukoll din il-Qorti ghandha rizervi kbar fuq l-*accounts* hekk kif prezentati mis-socjeta` appellanti. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta mhux gustifikat u kwindi qed jigi michud.

**Ikkonsidrat:**

Fl-ahharnett is-socjeta` konvenuta appellanti qed tilmenta mill-fatt li fis-sentenza appellata hija giet kundannata thallas lill-attur appellat l-ammont hemm likwidat u dikjarat dovut "**bl-imghax kummercjali mid-data tac-citazzjoni**" u dan kif mitlub fit-tielet talba fl-att tac-citazzjoni.

Il-massima rumana "*in illiquidis non fit mora*" hija riflessa f'dak li jipprovdi l-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa provdut li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett <u>il-hlas ta' somma determinata</u>, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena*". Liema danni jkunu dovuti minghajr il-htiega ghal kreditur li jipprova li bata xi telf.

Dan il-principju, kif jaqblu l-kontendenti, ma huwiex applikat rigorozament billi l-gurisprudenza introduciet xi eccezzjoni fejn, anke meta l-ammont ma jkunx determinat, l-imghaxijiet jistghu jigu komputati u akkordati minn data anterjuri ghas-sentenza li tkun illikwidat dak l-ammont. F'dan is-sens hija s-sentenza ciatat mis-socjeta` appellanti fil-kawza fl-ismijiet **Cauchi v. Zammit** App. Inferjuri Civili 27/10/2008 fejn jinghad li "*Ta' min ifakkar*

*pero` li dan il-principju mhux assolut u, anzi, il-gurisprudenza tirrikonoxxi temperament tieghu fil-kaz ta' debiti ta' facli likwidazzjoni jew fejn il-likwidazzjoni tigi dilazzjonata bi htija tad-debitur. Ara, b'ezemplari,* ***Vincent Grech et v. Onor Professur John Gatt nomine*** *Appell Civili 24 ta' Ottubru, 1941;* ***Mary Boffa v. Stella Camilleri****, Appell Civili, 12 ta' Frar, 1980 u* ***Mario Sacco v. Peter Muscat Scerri et nomine****, Appell, 31 ta' Jannar, 2003;"*

L-attur appellat naturalment jikkondividi dak li nghad fis-sentenza hawn fuq citata u jkompli jenfasizza li l-eccezzjonijiet ghar-regola "*in illiquidis non fit mora*" huma varji u mhux limitati ghal dawk imsemmija fis-sentenza citata mill-kontro-parti. Infatti gie rilevat li fis-sentenza tat-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Alfred Schemebri v. Dr Louis Buhagiar M.D.** intqal li din il-massima m'ghandhiex applikazzjoni assoluta "*u jista' jkun hemm kazi fejn din il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qeghdha taghti vantagg indebitu lid-debitur*".

Din il-Qorti, izda, kuntrarjament ghal dak li ddeciediet l-ewwel Qorti minghajr ma tat ebda raguni, hi tal-fhema li l-principju enuncjat fl-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 [*hawn fuq riprodott*] ghandu, fil-kaz odjern, isib l-applikazzjoni tieghu billi l-imghaxijiet jigu akkordati biss mid-data li l-ammont dovut gie determinat. Dan qed jinghad billi l-kaz in ezami ma jikkoncernax biss ammont dovut izda jittratta wkoll l-ezistenza tal-obbligazzjoni '*per se*` u cioe` jekk qatt kien hemm xi obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta rizultanti mill-allegata shubija mal-attur. Din il-Qorti tifhem li meta l-artikolu citat jitkellem dwar obbligazzjoni li "*jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata*" il-legislatur ried li l-kontestazzjoni tkun wahda limitata u cirkoskritta b'somma rapprezentanti kreditu semplici. Kien ghalhekk li nholqu l-eccezzjonijiet ghar-regola *in illikwidis*, biex il-kreditur ma jigix penalizzat minhabba d-dewmien ta' proceduri gudizzjarji specjalment meta l-ammont seta' facilment jigi determinat fi stadju bikri tal-proceduri. Il-kaz in ezami jipprezenta xenarju kompletament differenti fejn is-socjeta` konvenuta mhux talli qed tikkontesta l-ammont reklamat izda qed tichad l-obbligu taghha ta' hlas.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa gustifikat u ser jigi milqugh.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milqugh *in parte* billi qed tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn is-socjeta` konvenuta giet kkundannata thallas imghax kummercjali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u minflok jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-imghax kummercjali fuq is-somma likwidata biss mid-data tas-sentenza appellata u cioe` minn dak inhar meta l-kreditu u l-ammont dovut gew determinati. Ghall-bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata b'dan li l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart ($^1/_4$) mill-attur appellat u tlett kwarti ($^3/_4$) mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------